# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea
## Qasam G: In-Nisa fil-Poter u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet

## Il-Kuntest tal-Politika

Is-sottorappreżentazzjoni persistenti tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi hija sfida attwali u importanti għall-UE u l-Istati Membri tagħha. L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi żviluppat mill-EIGE fl-2013, ikejjel id-disparità eżistenti fil-kisba tal-ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi f'sitt dominji, li wieħed minnhom jikkonċerna l-'poter'. Dan id-dominju jivvaluta l-lakuna bejn ir-rappreżentazzjoni tan-nisa u tal-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi. Fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, dan id-dominju wera l-punteġġ l-aktar baxx ta' ugwaljanza bejn is-sessi bi 38 punt minn 100 għall-UE, li jenfasizza li s-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fil-poter u t-teħid ta' deċiżjonijiet tkompli tkun kwistjoni urġenti.

### L-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2015)

- Tiddefinixxi l-promozzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet bħala wieħed minn sitt oqsma ta' prijorità.
- Għandha l-għan li tippromwovi l-ugwaljanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod ġenerali u fuq il-bordijiet tal-kumpaniji.

### Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi (2012)

- Tistabbilixxi 40 % bħala objettiv għas-sess sottorappreżentat fost id-diretturi mhux eżekuttivi f'kumpaniji elenkati fil-Borża sal-2020.
- Teħtieġ li l-kumpaniji b'sehem aktar baxx tas-sess sottorappreżentat jibbażaw l-għażla tal-kandidati fuq analiżi komparattiva, permezz ta' kriterji newtrali fir-rigward tas-sessi u mhux ambigwi li jagħtu prijorità lis-sess sottorappreżentat meta l-kwalifiki jkunu l-istess.
- Tobbliga lill-kumpaniji elenkati fil-Borża biex jiddefinixxu l-miri proprji għad-diretturi eżekuttivi.
- Ittejjeb il-korrettezza u t-trasparenza fil-proċessi tal-għażla tal-bordijiet billi ġġiegħel lill-kumpaniji jqisu bażi usa' ta' kandidati.

### L-Involviment tas-Soċjetà Ċivili (2014)

- Il-kampanji tal-EWL dwar "50/50" u "Parità fid-Demokrazija u Ċittadinanza Ewropea Attiva: Ewropa Mhux Moderna — Demokrazija mingħajr Ugwaljanza bejn is-Sessi".
- Ippromwovew ir-rappreżentazzjoni ndaqs tan-nisa u l-irġiel fl-istituzzjonijiet kollha Ewropej, biex jgħinu jpoġġu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi aktar 'il quddiem fl-aġenda politika tal-UE.
- Indirizzaw l-iżbilanċ bejn is-sessi fl-għażla u l-parteċipazzjoni tal-kandidati għall-Parlament Ewropew.

**G.1.** Li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat l-aċċess ugwali tan-nisa għall-istrutturi tal-poter u t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fihom.

**G.2.** Li tiżdied il-kapaċità tan-nisa biex jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tmexxija.

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

Il-Qasam G ġie rrivedut darbtejn, mill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-1999, u mill-Presidenza Taljana fl-2003. Ġie żviluppat sett ta' 18-il indikatur, li jkejlu l-proporzjon ta' nisa u rġiel fil-karigi/organizzazzjonijiet prinċipali u jivvalutaw il-politiki li jippromwovu bilanċ akbar bejn is-sessi matul l-elezzjonijiet. Dawn l-indikaturi kienu kruċjali fil-valutazzjoni tal-Qasam J, "In-Nisa u l-Midja' u l-Qasam K 'In-Nisa u l-Ambjent".

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content / women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### Progress bil-mod fil-parteċipazzjoni tan-nisa fl-assembleji nazzjonali jew federali għat-teħid ta' deċiżjonijiet

Filwaqt li żidiet żgħar fl-aċċess tan-nisa għall-parlamenti nazzjonali/federali huma viżibbli, dawn qegħdin jitwettqu bil-mod (żieda ta' 3 p.p. għal 27 % għall-kmamar tad-deputati bejn l-2008 u l-2013). Bħala medja, in-nisa jokkupaw biss terz tal-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-UE-28, fejn għandhom anqas minn 30 % tal-postijiet fil-parlamenti federali/nazzjonali f'nofs l-Istati Membri. Fl-Istati Membri li għandhom parlamenti reġjonali, fl-2013, ir-rappreżentazzjoni globali tan-nisa laħqet 32 %.

Fl-assembleji lokali (il-kunsilli u l-muniċipalitajiet) fl-2013, in-nisa fl-UE kellhom rappreżentazzjoni globali ta' 32 %. L-ogħla perċentwal kien osservat fl-Iżvezja (43 %), segwita minn seba' Stati Membri oħra fejn in-nisa laħqu rappreżentazzjoni ta' iżjed minn 30 %.

## IN-NUMRU TA' STATI MEMBRI TAL-UE SKONT IL-LIVELL TA' RAPPREŻENTAZZJONI TA' NISA FIL-PARLAMENTI NAZZJONALI/FEDERALI, 2008 U 2013




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-bażi ta' dejta "In-Nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet"

### Żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet Ewropej

Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-Parlament Ewropew (PE) żdiedet, bil-mod imma b'mod stabbli, f'dawn l-aħħar 35 sena (minn 16 % fl-1979 għal 37 % fl-2014). Madankollu, dawn jibqgħu sottorappreżentati bħala Membri u Viċi Presidenti tal-PE (3 minn 14).

In-nisa għandhom 33 % tal-karigi amministrattivi tal-livell 1 u 39 % tal-livell 2 u kienu jikkostitwixxu 32 % tal-Kummissarji fl-2013, filwaqt li l-Bank Ċentrali Ewropew ilu ma jkollu gvernatriċi sa mill-2010. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rat żieda żgħira fin-nisa mħallfin sa mill-2008 (minn 11 % għal 15 %), għall-kuntrarju tal-Qorti Ewropea ta' Prim Istanza, bi tnaqqis minn 44 % għal 22 %.

### L-irġiel għandhom sovrarappreżentazzjoni fil-maġġoranza tal-gvernijiet nazzjonali

In-nisa jiffurmaw biss kwart tal-karigi ministerjali għoljin u subalterni fl-UE; huwa biss f'żewġ Stati Membri li għandhom 50 % tal-karigi ministerjali kollha u 40 % fi tlieta oħrajn.

Bejn l-2008 u l-2013 il-proporzjon ta' nisa li kellhom portafolli ministerjali speċifiċi nbidel. Fl-2013, in-nisa kellhom anqas funzjonijiet bażiċi (20 % għal 18 %) u soċjokulturali (40 % għal 38 %) u iżjed karigi ministerjali ekonomiċi (17 % għal 24 %) u infrastrutturali (24 % għal 25 %).

## IR-RAPPREŻENTAZZJONI POLITIKA TAN-NISA FIL-GVERN NAZZJONALI, SKONT L-ISTATI MEMBRI, 2013




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-bażi ta' dejta "In-Nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet"

### Miżuri leġiżlattivi u awtoregolatorji jistgħu jaċċelleraw il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi

Il-kwoti tas-sessi elettorali jistgħu jżidu r-rappreżentazzjoni tan-nisa. Fl-2013, il-kwoti leġiżlattivi adottati mill-gvern intużaw minn seba' Stati Membri, u 13 kellhom fis-seħħ kwoti volontarji. Aktar reċentement, l-Irlanda u r-reġjuni Taljani introduċew il-kwoti leġiżlattivi.

### Żieda sinifikanti ta' nisa fil-karigi ta' livell għoli fl-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali

B'mod globali fl-2013, in-nisa kienu jirrappreżentaw aktar minn terz tal-impjegati taċ-ċivil kollha b'funzjonijiet tal-livell 2 (39 %), meta mqabbla ma' 34 % fl-2008. In-nisa huma rappreżentati anqas fil-livell 1 tal-amministrazzjoni bi 30 % (28 % fl-2008). L-akbar żidiet seħħew fil-funzjonijiet soċjokulturali, b'żieda minn 35 % għal 41 % fil-livell 1 u minn 42 % għal 49 % fil-livell 2.

## Avvanz bil-mod tal-aċċess tan-nisa għal karigi bħala mħallfin tal-Qrati Supremi

In-nisa jibqgħu sottorappreżentati fost l-imħallfin tal-Qrati Supremi, b'żieda żgħira biss ta' 3 p.p. sa mill-2008 għal 35 %. Filwaqt li n-nisa jiffurmaw nofs l-imħallfin f'sitt Stati Membri, dawn jammontaw għal anqas minn 9 % fi tnejn.

## Ftit li xejn avvanz fil-preżenza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u fuq il-bordijiet ta' kumpaniji elenkati fil-Borża

L-aċċess tan-nisa għat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi qiegħed jiżdied bil-mod. Fl-2013, fl-UE wieħed minn kull ħames membri tal-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Banek Ċentrali Nazzjonali kienet mara, filwaqt li l-bordijiet f'ħames Stati Membri kienu ddominati kompletament mill-irġiel. Fost il-kapijiet eżekuttivi (CEO) fuq il-bordijiet eżekuttivi tal-akbar kumpaniji elenkati fil-Borża, ma kien hemm l-ebda mara fi 13-il Stat Membru, meta mqabbla ma' 15-il Stat Membru fl-2008. Filwaqt li r-rappreżentazzjoni tan-nisa fost il-membri tal-bordijiet eżekuttivi u mhux eżekuttivi fl-akbar kumpaniji kkwotati fil-borża fl-UE hija kemxejn aktar għolja, dawn huma sottorappreżentati bi 12 % u 19 % tal-karigi rispettivament.

## Is-sħab soċjali fil-livell tal-UE attivi fil-promozzjoni tan-nisa fl-ogħla karigi

In-numru ta' Presidenti nisa tal-Konfederazzjonijiet tax-Xogħol ma żdiedx b'mod sinifikanti mill-2008 u r-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-bordijiet rispettivi tagħhom tibqa' baxxa. Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fost il-Presidenti u l-Viċi Presidenti tal-Konfederazzjonijiet ta' Min Iħaddem tjiebet. Mis-sittin president tal-Organizzazzjonijiet ta' Min Iħaddem tal-UE, tmienja huma nisa, b'kuntrast ma' waħda fl-2008, u n-nisa jiffurmaw 17 % tal-korpi governattivi totali b'kuntrast ma' 9 % fl-2008.

### PERĊENTWAL TA' MINISTRI NISA SKONT IL-FUNZJONIJIET FIL-MINISTERI FL-UE-28, 2008–2013




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, Il-bażi ta' dejta "In-Nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet"

## Inizjattivi utli:

L-appoġġ għall-**inizjattiva tal-UE dwar il-kwoti leġiżlattivi** għall-bordijiet tal-kumpaniji, kien espress minn diversi Stati Membri (DK, IE, IT, AT, PL, PT). Id-Danimarka, pereżempju, ħarġet rakkomandazzjoni għal miri konkreti għall-Bordijiet tad-Diretturi. Pajjiżi oħrajn, bħall-Awstrija, il-Belġju u l-Ġermanja reċentement għaddew jew dalwaqt jgħaddu leġiżlazzjoni għall-kwoti tas-sessi għal kumpaniji speċifiċi. Fl-Italja tnediet kampanja ta' sensibilizzazzjoni 'Il-Kwoti tas-Sessi. Pajjiż aktar Bilanċjat għandu Futur Aħjar' biex tappoġġa l-leġiżlazzjoni tal-2011 dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-bordijiet u ġiet introdotta liġi (il-Liġi Nru 120/2011) li għandha l-għan li żżid il-proporzjon ta' nisa fuq il-bordijiet tal-kumpaniji pubbliċi. Fil-Polonja, il-korpi superviżorji kollha magħżulin mill-Ministru tat-Teżor tal-Istat huma mistennija li jkollhom 30 % nisa sal-2015. Fil-Portugall, sa mir-Riżoluzzjoni tal-2012 tal-Kunsill tal-Ministri, il-kumpaniji privati huma mistennija li jimplimentaw pjanijiet dwar l-ugwaljanza. Sa mill-2013, il-liġi l-ġdida tgħid li kull korp amministrattiv u superviżorju tal-intrapriżi tal-istat irid ikollu kemm nisa kif ukoll irġiel fost il-membri tiegħu. Fi Spanja, 31 kumpanija ffirmaw ftehimiet ta' kollaborazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa, is-Servizzi Soċjali u l-Ugwaljanza, inkluż il-mira li fi żmien erba' snin ikun hemm preżenza ta' 20 % nisa fl-ogħla karigi tal-maniġment u l-kumitati ta' tmexxija jew li l-preżenza tagħhom tiżdied b'5 p.p. Il-proġett *Promociona*, imwettaq ma' organizzazzjonijiet tan-negozju, jinvolvi lill-kumpaniji fl-għażla u l-promozzjoni tat-talent tan-nisa fost il-persunal tagħhom u jħeġġeġ taħriġ speċifiku, il-ħolqien ta' netwerks u l-ikkowċjar.

### AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM G: IN-NISA FIL-POTER U T-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

| AVVANZI | OSTAKLI |
|---|---|
| • L-importanza tal-aċċess tan-nisa għat-teħid ta' deċiżjonijiet kisbet viżibilità.<br>• Il-parteċipazzjoni tan-nisa żdiedet kemxejn.<br>• L-introduzzjoni ta' liġijiet ta' parità/kwoti leġiżlattivi ssaħħaħ l-impenn tal-Istati Membri għal ugwaljanza akbar bejn is-sessi.<br>• L-inizjattivi fil-livell tal-UE, bħad-direttiva proposta għal kwota ta' 40 % għan-nisa f'karigi f'bordijiet mhux eżekuttivi sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi.<br>• Is-sħab soċjali għandhom rwol fit-titjib tal-aċċess tan-nisa għall-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.<br>• Il-proporzjon ta' nisa fost l-ogħla impjegati taċ-ċivil u l-imħallfin tal-Qrati Supremi żdied kemxejn. | • In-nisa jokkupaw anqas minn terz tal-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi tal-UE u saħansitra anqas fl-ogħla livelli.<br>• Il-proporzjon ta' nisa fil-gvernijiet nazzjonali żdied biss sa ċertu limitu.<br>• L-istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji pubbliċi/privati għadhom fil-maġġoranza tagħhom iddominati mill-irġiel.<br>• Ma kien hemm l-ebda żieda sinifikanti fil-proporzjon ta' nisa fil-korpi ta' tmexxija tal-organizzazzjonijiet tax-xogħol Ewropej.<br>• In-nisa huwa rrappreżentati żżejjed fil-livelli medji sa għoljin tal-amministrazzjoni pubblika u fis-setturi marbutin mar-rwoli tradizzjonali tan-nisa. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li tfassal u timplimenta miżuri ta' politika effettivi (u leġiżlazzjoni fejn xieraq) biex tkisser is-"saqaf tal-ħġieġ" fil-maġġoranza ta' strutturi ekonomiċi, b'mod speċjali dawk bi profil pubbliku.
- Li tqis u potenzjalment timplimenta strateġiji u għodda effettivi (eż kwoti tas-sessi) biex tikseb bilanċ bejn is-sessi f'karigi eletti u nnominati fl-istrutturi politiċi ewlenin.
- Li tindirizza u tittratta n-normi, l-attitudnijiet u l-isterjotipi tas-sessi li jostakolaw ir-rappreżentazzjoni ndaqs tan-nisa fil-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fid-dominji politiċi, ekonomiċi u soċjali.
- Li tħeġġeġ lill-isħab soċjali u l-partijiet interessati rilevanti jikkoperaw fil-promozzjoni attiva tal-aċċess ugwali tan-nisa għall-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N